



Brussell, 13 ta' Ottubru 2022
(OR. en)

13426/22

RECH 534
FIN 1058

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	13 ta' Ottubru 2022
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 12762/22 RECH 507 FIN 955	
Suġġett:	Ir-Rapport Speċjali Nru 15/2022 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri <i>"Il-miżuri biex titwessa' l-parteċipazzjoni f'Orizzont 2020 tfasslu tajjeb, iżda bidla sostenibbli se tiddependi l-aktar fuq l-isforzi mwettqa mill-awtoritajiet nazzjonali"</i> - <i>Konklużjonijiet tal-Kunsill</i>

Id-delegazzjonijiet ser isibu meħmuż fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 15/2022 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri "Il-miżuri biex titwessa' l-parteċipazzjoni f'Orizzont 2020 tfasslu tajjeb, iżda bidla sostenibbli se tiddependi l-aktar fuq l-isforzi mwettqa mill-awtoritajiet nazzjonali", adottati mill-Kunsill fit-13 ta' Ottubru 2022".

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL

dwar ir-Rapport Speċjali Nru 15/2022 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri:

"Il-miżuri biex titwessa' l-parteċipazzjoni f'Orizzont 2020 tfasslu tajjeb, iżda bidla sostenibbli se tiddependi l-aktar fuq l-isforzi mwettqa mill-awtoritajiet nazzjonali"

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

FILWAQT LI JFAKKAR

- L-objettiv speċifiku ta' Orizzont 2020 "It-tixrid tal-eċċellenza u ż-żieda fil-parteċipazzjoni" li għandu l-għan li jisfrutta b'mod sħiħ il-potenzjal tar-riżorsa tat-talent Ewropew u li jiżgura li l-benefiċċji ta' ekonomija mmexxija mill-innovazzjoni jkunu massimizzati kif ukoll imqassma fuq firxa wiesgħa madwar l-Unjoni kollha, skont il-prinċipju tal-eċċellenza;
- fil-konklużjonijiet tiegħu tal-1 ta' Diċembru 2017 "Mill-Evalwazzjoni Interim ta' Orizzont 2020 lejn id-disa' Programm Qafas"¹, li fihom għaraf li l-miżuri li jindirizzaw "It-tixrid tal-eċċellenza u ż-żieda fil-parteċipazzjoni" (SEWP) għandhom ikomplu u għandhom jissaħħu, inkluż il-monitoraġġ tal-SEWP bħala kwistjoni trażversali;
- fil-konklużjonijiet tiegħu tal-1 ta' Diċembru 2020 dwar "iż-Żona Ewropea tar-Riċerka l-Ġdida" (ŻER)², li jenfasizzaw il-ħtieġa li jiġi attivat u użat bis-sħiħ il-potenzjal taż-ŻER biex tikkontribwixxi għall-objettivi ta' politika reġjonali, nazzjonali u Ewropej permezz ta' miżuri mmirati fil-livell nazzjonali u/jew tal-UE għall-promozzjoni u l-faċilitazzjoni tal-ftuħ u l-inklużività tan-networks ta' kollaborazzjoni u biex jitnaqqsu l-frammentazzjoni u d-disparitajiet bejn l-Istati Membri u fihom;

¹ 15320/17

² 13567/20

1. JILQA' r-Rapport Speċjali Nru 15/2022 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: *Il-miżuri biex titwessa' l-parteċipazzjoni f'Orizzont 2020 tfasslu tajjeb, iżda bidla sostenibbli se tiddependi l-aktar fuq l-isforzi mwettqa mill-awtoritajiet nazzjonali*³ u JIEĦU NOTA tat-tweġibiet tal-Kummissjoni li jakkumpanjaw ir-Rapport Speċjali⁴; JIRRIKONOXXI s-sejbiet tal-Qorti li t-twessigħ tal-miżuri introdotti taħt Orizzont 2020 indirizza wħud mill-kawżi tal-parteċipazzjoni baxxa ta' xi Stati Membri fil-Programm Qafas u li xi proġetti diġà taw għadd ta' eżiti pożittivi intanġibbli u tanġibbli; JIEĦU NOTA tal-konklużjoni tal-Qorti li bidla sostenibbli ġenwina tirrikjedi investimenti u riformi nazzjonali kontinwi fis-sistemi nazzjonali tar-R &I;
2. JIEĦU NOTA tar-rakkomandazzjoni tal-Qorti biex jissaħħaħ u jiġi estiż l-użu tal-Faċilità ta' Appoġġ għall-Politiki; JIRRIKONOXXI l-importanza tal-miżuri ta' akkumpanjament fl-ambitu tal-Faċilità ta' Appoġġ għall-Politiki kif ukoll tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku biex l-Istati Membri jiġu appoġġati fit-tisħiħ tas-sistema nazzjonali tagħhom tar-R&I; JISTIEDEN lill-Kummissjoni tqis is-sistemi nazzjonali differenti u r-riformi li diġà saru mill-Istati Membri; u JINKORAĠĠIXXI djalogi ta' politika regolari fuq bażi volontarja bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni fil-fora rilevanti biex jiġu identifikati b'mod konġunt perkorsi għall-implimentazzjoni ta' riformi u investimenti, inkluż dawk ippjanati taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza b'kont meħud tal-kompetenza tal-Istati Membri;

³ Ir-Rapport Speċjali huwa disponibbli fil-lingwi uffiċjali kollha fuq is-sit web tal-Qorti: https://www.eca.europa.eu/Lists/ECADocuments/SR22_15/SR_Horizon_2020_Widening_M_T.pdf.

⁴ It-tweġibiet tal-Kummissjoni li jakkumpanjaw ir-Rapport Speċjali huma disponibbli fil-lingwi uffiċjali kollha fuq is-sit web tal-Qorti: https://www.eca.europa.eu/Lists/ECARepplies/COM-Replies-SR-22-15/COM-Replies-SR-22-15_MT.pdf

3. JIEĦU NOTA tar-rakkomandazzjoni tal-Qorti li jiġi mmirat għal parteċipazzjoni aktar ġeografikament ibbilanċjata ta' pajjiżi tat-twessigħ fil-miżuri ta' twessigħ; JAPPELLA lill-Kummissjoni biex twettaq monitoraġġ tal-livelli ta' parteċipazzjoni u tevalwa l-effiċjenza u l-effettività tal-portafoll sħiħ ta' miżuri ta' twessigħ, inkluż miżuri ġodda introdotti taħt Orizzont Ewropa, u, jekk jirriżultaw żbilanċi sinifikanti kontinwi, biex tivvaluta l-ħtieġa għal aktar azzjonijiet imfassla apposta u attivitajiet ta' networking immirati, inkluż permezz ta' Punti ta' Kuntatt Nazzjonali, sabiex jinkiseb livell usa' ta' parteċipazzjoni u jiġu indirizzati d-disparitajiet fil-parteċipazzjoni fost il-pajjiżi tat-twessigħ filwaqt li jkun żgurat li l-allokazzjoni tal-finanzjament tkompli tkun ibbażata fuq il-prinċipju ta' eċċellenza;
4. JILQA' r-rakkomandazzjoni tal-Qorti biex tiġi ffaċilitata d-disponibbiltà f'waqtha ta' finanzjament komplementari; JISĦAQ fuq l-importanza tas-sinerġiji bejn il-programmi tal-Unjoni, minn naħa, u bejn il-livelli Ewropej, nazzjonali u reġjonali, min-naħa l-oħra, sabiex jiġu żgurati programmazzjoni u implimentazzjoni koerenti u biex jiġi indirizzat id-distakk fir-R&I; JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw id-dewmien fl-implimentazzjoni tal-finanzjament komplementari u jistinkaw għas-simplifikazzjoni tiegħu;
5. JAPPOĠĠA r-rakkomandazzjoni tal-Qorti li tissaħħaħ il-kapaċità tal-benefiċjarji tal-proġetti biex jisfruttaw ir-riżultati tar-riċerka tagħhom; JAPPELLA lill-Kummissjoni biex issaħħaħ it-taħriġ u l-coaching ipprovduti lill-benefiċjarji tal-proġetti ta' twessigħ, tippromwovi l-kuntatti bejn il-benefiċjarji u s-sħab potenzjali inkluża l-industrija, u tħeġġeġ il-valorizzazzjoni tar-riżultati tar-riċerka tal-miżuri ta' twessigħ; IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni teżamina l-possibbiltà li ttipprovi appoġġ sabiex tippermetti l-valorizzazzjoni tar-riżultati miksuba fl-ambitu tal-miżuri ta' twessigħ;
6. JAPPOĠĠA r-rakkomandazzjoni tal-Qorti biex jissaħħaħ il-monitoraġġ tal-miżuri ta' twessigħ; JISTIEDEN lill-Kummissjoni tidentifika l-indikaturi li jivvalutaw il-kontribut tal-miżuri ta' twessigħ għal perkorsi ta' impatt ewlenin, inkluż lil hinn mid-durata tal-proġetti individwali, u biex tevalwa l-impatt tal-miżuri ta' twessigħ fuq il-parteċipazzjoni fil-Programm Qafas;

7. JITLOB lill-Kummissjoni biex tqis ir-rapport speċjali Nru 15/2022 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri u r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti meta timplimenta l-miżuri attwali ta' twessigħ u tfassal dawk futuri fil-kuntest tal-evalwazzjoni interim ta' Orizzont Ewropa u tat-tnejja tal-Programm Qafas li jmiss.
-